Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,280, 15 ta' Ottubru, 2019
Taqsima B

A.L. 267 tal-2019

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)
Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għall-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 28 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għall-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għall-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.51

Sostituzzjoni tat-titolu prinċipali tar-regolamenti prinċipali.

2. It-titolu prinċipali tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"REGOLAMENTI DWAR SISTEMA KUMMERĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA DWAR L-EMISSJONIJIET TA' GASSIJIET SERRA GĦALL-AVJAZZJONI".

Jissostitwixxi r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għall-Avjazzjoni.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għall-implimentazzjoni f'Malta tas-sistema tal-Unjoni Ewropea ta' permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-attivitajiet elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn r-regolamenti, għall-perjodu li jibda għaddej mill-1 ta' Jannar, 2013 u għal kull perjodi sussegwenti.

(3) Dawn ir-regolamenti jittrasponu:

- id-Direttiva 2003/87/KE;

- id-Direttiva 2004/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

- id-Direttiva 2008/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

- id-Direttiva 2009/29/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

- id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

- ir-Regolament (UE) 2017/2392 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE; u

- id-Direttiva (UE) 2018/410 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "ċessjoni" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Deċiżjoni (UE) 2015/1814" tfisser Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' kummerċ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;";

(b) it-tifsira "Direttiva 2003/87/KE" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "Direttiva 2003/87/KE" tfisser "Direttiva 2003/87/KE" tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għal permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra kummerċjali fil-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 2003/87/KE" kif sostitwita għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva 2004/101/KE" tfisser Direttiva 2004/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-kummerċ ta' permessi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fir-

rigward tal-mekkaniżmi tal-proġett tal-Protokoll ta' Kjoto;";

(d) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 2009/29/KE" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Direttiva (UE) 2018/410" tfisser Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814;

"l-ekwivalenti ta' tunnellata ta' dijossidu tal-karbonju tfisser tunnellata metrika ta' dijossidu tal-carbonju (CO_2) jew ammont ta' kwalunkwe gass ieħor tas-serra elenkat fl-Iskeda 2 bil-potenzjal ekwivalenti għaż-żieda tas-sħana globali;";

(e) minnufih wara t-tifsira "emissjonijiet tal-avjazzjoni" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "EU ETS" tfisser is-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-Kummerċ ta' Permessi tal-Emissjonijiet mwaqqfa mid-Direttiva 2003/87/EC;

"Eurocontrol" tfisser l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru;";

(f) minnufih wara t-tifsira "Regolament (KE) Nru. 421/2014", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolament (UE) 2017/2392" tfisser Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021;".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

5. Is-subregolament (3) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) L-operatur tal-inġenji tal-ajru li jkun ser issirlu verifika ta' *data* ta' kull kilometru-tunnellata għandu javża lill-Awtorità u lill-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament f'Malta bid-data u l-post tal-verifika ippjanati u l-identità tal-verifikatur li jkun se jagħmel il-verifika, sa mhux aktar tard minn tletin

ġurnata qabel id-data ta' meta tkun ser issir l-verifika.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

6. Is-subregolament (2) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-Awtorità għandha, abbażi tal-informazzjoni mniżżla fir-rapport ippreżentat dwar kull kilometru-tunnellata ppreżentat skont ir-regolament 4 jew 5, u fir-rapport ta' verifika ppreżentat skont ir-regolament 7 u fil-verifiki tagħha stess, mingħajr dewmien bla bżonn, tistabbilixxi jekk tkunx tista' taċċetta r-rapport dwar kull kilometru-tunnellata ppreżentat. L-Awtorità m'għandhiex taċċetta rapport dwar *data* ta' kull kilometru-tunnellata li ma jkunx ġie verifikat bħala sodisfaċenti jew li dwaru ma jkunx ġie ppreżentat ir-rapport ta' verifika. L-Awtorità għandha tavża lill-operatur ta' inġenji tal-ajru, bil-miktub jew b'mezzi dokumentati oħra, bid-deċiżjoni tagħha.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-Awtorità għandha, sat-28 ta' Frar ta' kull sena, toħroġ il-kwantità ta' permessi taħt il-Kapitolu II liberi li għandhom jiġu allokati għal dik is-sena lil kull operatur ta' inġenji tal-ajru kif stabbilit skont ir-regolament 4 jew ir-regolament 5.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Permessi taħt il-Kapitolu II ji jkunu nħarġu skont is-subregolament (1) f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 u perjodi sussegwenti jkunu validi b'mod indefinit. Permessi maħruġa mill-1 ta' Jannar, 2021 f'perjodu ta' għaxar snin jibqgħu validi għal emissjonijiet mill-ewwel sena ta' dak il-perjodu 'l quddiem.";

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Meta, operatur ta' inġenji tal-ajru ma jibqax iwettaq attività ta' avjazzjoni mniżżla fl-Iskeda 1, l-Awtorità għandha tgħarraf lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiżgura li ma jinħarġu ebda permessi taħt il-Kapitoli II liberi ulterjuri lil dak l-

operatur ta' inġenji tal-ajru għall-ewwel sena wara dik is-sena meta l-operatur ta' inġenji tal-ajru ma jibqax iwettaq attività ta' avjazzjoni mniżżla fl-Iskeda 1, u għal kwalunkwe sena sussegwenti li fiha l-operatur ta' inġenji tal-ajru ma jwettaqx attività ta' avjazzjoni mniżżla fl-Iskeda 1. Meta operatur ta' inġenji tal-ajru jerġa jibda' jwettaq attività mniżżla fl-Iskeda 1, l-Awtorità għandha tgħarraf lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali.

L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiżgura li permessi taħt il-Kapitoli II liberi stabbiliti skont ir-regolament 4 jew 5 jinħarġu għall-ewwel sena wara dik is-sena meta l-operatur ta' inġenji tal-ajru jerġa jibda' jwettaq attività mniżżla fl-Iskeda 1 u għal kwalunkwe sena sussegwenti li fiha l-operatur ta' inġenji tal-ajru iwettaq attività mniżżla fl-Iskeda 1."; u

(d) s-subregolamenti (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

8. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jippreżenta lill-Awtorità pjan ta' monitoraġġ li jistabbilixxi miżuri biex isir monitoraġġ u rappurtaġġ dwar emissjonijiet ta' gassijiet serra speċifikati fir-rigward ta' attivitajiet tal-avjazzjoni stabbiliti fl-Iskeda 1. Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi preżentat minn operatur ta' inġenji tal-ajru lill-Awtorità kemm jista' jkun malajr qabel ma l-operatur ta' inġenji tal-ajru jibda jwettaq l-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Iskeda 1:

Iżda, meta operatur ta' inġenji tal-ajru jwettaq xi attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Iskeda 1 għall-ewwel darba li ma tkunx tista' tiġi prevista qabel ma sseħħ l-attività, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi preżentat lill-Awtorità mingħajr dewmien bla bżonn wara li ssir dik l-attività jew f'tempistika hekk kif tista' tiġi miftiehma bejn l-operatur ta' inġenji tal-ajru u l-Awtorità:

Iżda wkoll, meta operatur ta' inġenji tal-ajru li għalih Malta tkun ġiet appuntata bħala l-Istat Membru li jamministra skont ir-regolament 3, wara li jkun wettaq xi attività tal-avjazzjoni elenkata fl-Iskeda 1 għall-ewwel

darba, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jiġi preżentat lill-Awtorità mingħajr aktar dewmien wara li Malta tkun ġiet appuntata bħala l-Istat Membru li jamministra għal dak l-operatur ta' inġenji tal-ajru jew f'tempistika hekk kif tista' tiġi miftiehma bejn l-operatur ta' inġenji tal-ajru u l-Awtorità."; u

(b) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7) L-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jivverifika b'mod regolari jekk il-pjan ta' monitoraġġ approvat jirriflettix in-natura u l-funzjoni tal-operatur ta' inġenji tal-ajru u jippreżenta lill-Awtorità tibdil propost li jkunu jridu jsiru fil-pjan, kif ikun adatt.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jippreżenta lill-Awtorità rapport annwali fuq l-emissjonijiet minn attività tal-avjazzjoni mniżżla fl-Iskeda 1 għal kull sena li fiha tali attività tiġi mwettqa sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Ir-rapport sottomess mill- operatur ta' inġenji tal-ajru skont is-subregolament (2) għandu jiġi vverifikat minn verifikatur skont:

(a) il-prinċipji stabbiliti fl-Iskeda 4; u

(b) deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) kwalunkwe rekwiżiti oħra magħmula mill-Awtorità fir-rigward ta' verifika ta' rapporti annwali dwar l-emissjonijiet minn attivitajiet tal-avjazzjoni.

Il-verifikatur għandu joħroġ rapport ta' verifika.";

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Rapport ta' verifika għandu jiġi sottomess mill-operatur ta' inġenji tal-ajru lill- Awtorità ma' rapport annwali dwar l-emissjonijiet sottomess. L-operatur għandu jniżżel l-ammont ta' emissjonijiet irrapportat fir- rapport annwali dwar l-emissjonijiet ivverifikat għal-sena ta' moniteraġġ fir-Reġistru tal-Unjoni, sal-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti."; u

(d) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) L-operatur tal-inġenji tal-ajru li jkun ser issirlu verifika tar-rapport annwali fuq l-emissjonijiet għandu javża lill-Awtorità u lill-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament f'Malta bid-data u l-post tal-verifika ppjanati u l-identità tal-verifikatur li jkun se jagħmel il-verifika, sa mhux aktar tard minn tletin ġurnata qabel id-data ta' meta tkun ser issir l-verifika.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-Awtorità għandha, abbażi tal-informazzjoni mniżżla fir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet u fir-rapport ta' verifika sottomessi skont ir-regolament 13 u l-verifiki tagħha stess, mingħajr dewmien bla bżonn, tistabbilixxi jekk tkunx tista' taċċetta r-rapport ippreżentat. L-Awtorità m'għandhiex taċċetta rapport ta' emissjonijiet annwali li ma jkunx ġie verifikat bħala soddisfaċenti jew ma jkunx ġie sottomess rapport ta' verifika dwaru. L-Awtorità għandha tavża lill-operatur ta' inġenji tal-ajru, bil-miktub jew b'mezzi oħra dokumentati, bid-deċiżjoni tagħha. Meta hija hekk tqis li jkun meħtieġ, l-Awtorità tista' teħtieġ li jiġi sottomess rapport annwali rivedut dwar l-emissjonijiet. Ir-rapport annwali rivedut dwar l-emissjonijiet għandu jkun verifikat skont ir-regolament 13. Meta jkun meħtieġ, l-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu jaġġorna l-ammont ta' emissjonijiet mniżżla fir-Reġistru tal-Unjoni.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit

b’dan li ġej:

"(3) Fejn fi kwalunkwe sena ta’ monitoraġġ, operatur ta’ inġenji tal-ajru ma jissottomettix rapport annwali dwar l-emissjonijiet verifikat skont ir-regolament 13 jew meta jitqies li l-operatur ta’ inġenji tal-ajru ma jkunx issottometta rapport annwali dwar l-emissjonijiet li jkun skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament 13, l-Awtorità tista’, kemm-il darba ma jkunx hemm xi ftehim bil-miktub bejn l-Awtorità u l-operatur ta’ inġenji tal-ajru li jkun jipprovdi xort’ oħra, tkun hi li tistabbilixxi l-emissjonijiet għal attivitajiet tal-avjazzjoni mwettqa mill-operatur ta’ inġenji tal-ajru għal dik is-sena ta’ moniteraġġ. L-Awtorità għandha tuża l-aħjar *data* disponibbli u tiżgura li ssir stima konservattiva li ma tkunx tissottovaluta l-emissjonijiet. Meta l-emissjonijiet annwali jiġu stabbiliti skont dan is-subregolament, l-Awtorità għandha tqis il-ħtiġiet stabbiliti fl-Iskedi 3 u 4:

Iżda l-Awtorità għandha tavża lill-operatur ta’ inġenji tal-ajru bl-emissjonijiet kif stabbiliti u bil-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti dawk l-emissjonijiet:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha tniżżel l-ammont ta’ emissjonijiet kif stabbilit skont dan is-subregolament fir-Reġistru tal-Unjoni."; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(4) Meta ir-rapport ta’ verifika sottomess ma’ rapport annwali fuq l-emissjonijiet jiddikjara nuqqasijiet ta’ konformità pendenti jew rakkomandazzjonijiet għal titjib, l-operatur ta’ inġenji tal-ajru għandu jissottometti lill-Awtorità, sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Ġunju tas-sena meta ir-rapport ta’ verifika jkun inħareġ mill-verifikatur, rapport dwar it-titjib li jiddeskrivi kif u meta l-operatur ikun irretifika jew jippjana li jirretifika in-nuqqasijiet ta’ konformità identifikati mill-verifikatur u jimplimenta it-titjib rakkomandat.

(5) L-Awtorità għandha, fi żmien raġonevoli, tapprova r-rapport dwar it-titjib u tinforma lill-operatur ta’ inġenji tal-ajru bl-approvazzjoni tagħha. Fejn tqis li huwa neċessarju, l-Awtorità tista’ titlob is-sottomissjoni ta’ rapport dwar it-titjib rivedut.".

11. Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendati kif ġej: Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Għall-perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru, 2020, u perjodi sussegwenti, l-operatur ta' inġenji tal-ajru għandu, mat-30 ta' April ta' kull sena, iċedi għadd ta' permessi ugwali għall-emissjonijiet totali minn attivitajiet tal-avjazzjoni mniżżla fl-Iskeda 1 matul is-sena kalendarja preċedenti kif verifikati kif previst fir-regolament 13, jew kif stabbilit mill-Awtorità skont ir-regolament 14."; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "u tal-ajru skont is-subregolament (1)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u tal-ajru skont is-subregolament (1):" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"Iżda meta jkun neċessarju, u sakemm jibqa' neċessarju, kif previst f'deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE, operatur ta' inġenji tal-ajru ma għandux iċedi permessi maħruġa minn Stat Membru li fir-rigward tagħhom ikun hemm obbligi li joħorġu mid-Direttiva 2003/87/KE li mhux qed jitwettqu.".

12. Ir-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Jemenda r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

"23. Id-dħul li jsir mill-irkantar ta' permessi, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż awditjati biex tiġi amministrata il-EU ETS miftiehma bejn il-Ministeru responsabbli għall-finanzi u l-Awtorità, għandu jakkumula favur il-Fond Konsolidat.".

13. Ir-regolament 24A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 24A tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"(1) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dawn ir-regolamenti u b'deroga mir-regolamenti 12, 13, 14, 15 u 16, l-Awtorità għandha tikkunsidra r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk ir-regolamenti bħala sodisfatti u m'għandha tieħu ebda azzjoni kontra operaturi ta' ajruplani dwar:

(a) kull emissjoni minn titjiriet lejn u mill-ajrudromi li jinsabu f'pajjiżi 'l barra miż-Żona Ekonomika Ewropea f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar, 2013 sal-31 ta' Diċembru, 2023;

(b) kull emissjoni minn titjiriet bejn ajrudrom li jkun jinsab f'reġjun l-aktar imbiegħed fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat fuq il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u ajrudrom li jkun jinsab f'xi reġjun ieħor taż-Żona Ekonomika Ewropea f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar, 2013 sal-31 ta ' Diċembru, 2023.";

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi mħassar; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (5) tiegħu, għandhom jiżdiedu is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(6) B'deroga mir-regolamenti 12, 13 u 14 fejn operatur ta' inġenji tal-ajru għandu total annwali ta' emissjonijiet minn attivitajiet tal-avjazzjoni mniżżla fl-Iskeda 1 inqas minn ħamsa u għoxrin elf (25,000) tunnellata ta' dijossidu tal-karbonju, l-emissjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu bħala emissjonijiet ivverifikati jekk jiġu determinati bl-użu ta' għodda approvata skont deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE u li hija popolata mill-Eurocontrol b'*data* tal-Eurocontrol.

(7) B'deroga mir-regolamenti 12, 13 u 14 fejn operatur ta' inġenji tal-ajru għandu total annwali ta' emissjonijiet minn titjiriet li mhumiex dawk msemmija fis-subregolament (1) inqas minn tlett elef (3,000) tunnellata ta' dijossidu tal-karbonju, l-emissjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu bħala emissjonijiet ivverifikati jekk jiġu determinati bl-użu ta' għodda approvata skont deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE u li hija popolata mill-Eurocontrol b'*data* tal-Eurocontrol.

(8) Mill-1 ta' Jannar, 2021, in-numru ta' permessi allokati lil operatur ta' inġenji tal-ajru skont dan ir-regolament 4 jew ir-regolament 5 għandu, kull sena, jonqos b' fattur lineari ta' tnaqqis ta' 2.2%.

(9) B'deroga mir-regolament 4(1) u mir-regolament 5(1), ir-regolamenti 4 u 5 ma jkunux applikabbli mill-perijodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2021.".

Jemenda l-Iskeda 1 tar-regolamenti prinċipali.

14. L-Iskeda 1 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-punt (j) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(j) titjiriet li, kieku ma kienx għal din l-esklużjoni, kienu jinkwadraw fit-tifsira ta' attività tal-avjazzjoni kif hawn elenkata, li ssir minn operatur tat-trasport tal-ajru kummerċjali li jkun qiegħed iħaddem jew:

- inqas minn 243 titjira matul kull perjodu għal tliet perjodi konsekuttivi ta' erba' xhur il-wieħed; jew

- titjiriet li jkollhom emissjonijiet annwali totali aktar baxxi minn 10,000 tunnellata fis-sena:

Iżda titjiriet li jsiru esklużivament għat-trasport, fuq missjonijiet uffiċjali, ta' xi Monarka renjanti u l-familja tiegħu fil-qrib ħafna, Kapijiet ta' Stat, Kapijiet tal-Gvern u l-Gvern ta' xi Stat Membru ma jistgħux ikunu esklużi skont dan il-punt."; u

(b) il-punt (k) tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(k) mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru, 2030, titjiriet li, ħlief minħabba f'dan il-punt, kienu jaqgħu taħt din l-attività, imwettqa minn operatur ta' inġenji tal-ajru mhux kummerċjali li jkun qed jopera titjiriet b'għadd totali ta' emissjonijiet annwali iktar baxxi minn 1,000 tunnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju fis-sena.".